MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 500/2007

**Paul Camilleri (ID Nru: 24555M) f'ismu proprju
u ghan-nom tad-ditta Paul Camilleri & Associates**

**Vs**

**Michael Stivala (ID Nru: 11064M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm997.10c) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attur pro et noe u drittijiet dovuti lilu ghal servizzi professjonali ta' perit arkitett u inginiera civili rezi mill-attur pro et noe fuq inkarigu tal-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm997.10c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------